EIOPA-BoS-14/177 MT

# Linji Gwida dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti

EIOPA – Westhafen Tower, Westhafenplatz 1 - 60327 Frankfurt – Germany - Tel. + 49 69-951119-20;
Fax. + 49 69-951119-19; email: info@eiopa.europa.eu site: https://eiopa.europa.eu/

## Introduzzjoni

1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea ("ir-Regolament EIOPA")[1] l-EIOPA abbozzat Linji Gwida dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti.

1.2. Il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikoli 103(c) u 108 tad-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)[2] kif ukoll l-Artikolu 83 u l-Artikoli 205 sa 207 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni[3].

1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt Solvibbiltà II.

1.4. Il-Linji Gwida li ġejjin huma maħsubin biex jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effikaċi u biex jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kalkolu tal-aġġustamenti għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti fir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza.

1.5. Il-Linji Gwida 1 sa 14 japplikaw, fuq bażi unika, għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li jużaw il-formula standard u fejn rilevanti, ukoll għal gruppi li jużaw il-formula standard.

1.6. Il-Linji Gwida 15 sa 22 japplikaw għal gruppi permezz tal-formula standard u meta jintuża l-metodu 1, jew esklussivament jew flimkien mal-metodu 2. Meta l-metodu 2 jintuża esklussivament, il-Linji Gwida 15 sa 22 ma japplikawx peress li l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti ma jsirx addizzjonalment fil-livell tal-grupp. Meta tintuża kombinazzjoni ta' metodi, il-Linji Gwida japplikaw biss għall-parti konsolidata tal-grupp.

1.7. Il-Linji Gwida ma jkoprux il-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi jew l-assi u l-obbligazzjonijiet tat-taxxa differita fil-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II, peress li dawn huma koperti bl-Artikolu 15 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

1.8. It-terminu "taxxi differiti" jintuża fis-Solvibbiltà II f'żewġ kuntesti: l-ewwel biex jiddeskrivi l-entrati fuq il-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II u t-tieni, in konnessjoni mal-kalkolu tal-aġġustamenti tat-taxxa għar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza. Sabiex tiġi evitata konfużjoni, il-Linji Gwida li ġejjin jintroduċu t-terminu "taxxi differiti nozzjonali" għal entrati użati fil-kalkolu tal-aġġustament.

1.9. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġiet żviluppata d-definizzjoni li ġejja:

---

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48–83
[2] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155
[3] ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

- "Taxxi differiti nozzjonali" tirreferi għas-somma tal-prodotti tar-rati tat-taxxa rilevanti u materjali kollha u l-bidliet rilevanti u materjali kollha f'differenzi temporanji bejn valutazzjoni tas-Solvibbiltà II u l-valutazzjoni għall-finijiet tat-taxxa li tirriżulta mit-telf istantanju msemmi fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. Fl-iktar każ sempliċi, fejn ikun hemm biss rata tat-taxxa waħda u t-telf kollu jikkontribwixxi għal bidla fid-differenzi temporanji, it-taxxi differiti nozzjonali se jiġu rrappreżentati mill-prodott ta' rata tat-taxxa uniformi u t-telf imsemmi fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. "Taxxi differiti nozzjonali" ma tirrappreżentax id-differenza bejn it-taxxi differiti qabel u wara l-istress[4]. Intrapriża għandha tivvaluta liema ammont ta' taxxi differiti jista' jiġi rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II wara li ġġarrab it-telf fl-istress.

1.10. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini għandhom t-tifsira definita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.11. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

## Taqsima I: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi

### Linja Gwida 1 - Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku

1.12. Meta jiġi kkalkulat l-impatt ta' xenarju fuq il-fondi proprji bażiċi kif imsemmi fl-Artikolu 83 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom:

(a) iżommu l-flussi tal-flus relatati ma' benefiċċji diskrezzjonarji futuri mhux mibdula u ma jwettqux riskontar tagħhom; u

(b) meta x-xenarju jaffettwa l-istruttura ta' terminu tar-rata ta' imgħax mingħajr riskju, speċjalment l-istress fuq il-livell tar-rata ta' imgħax, jirriskontaw biss l-flussi tal-flus relatati mal-benefiċċji garantiti.

1.13. L-impriżi għandhom jippermettu r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1.12 meta jifformulaw azzjonijiet ta' ġestjoni futuri kif imsemmi fl-Artikolu 83(2)(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

### Linja Gwida 2 – Metodu għad-determinazzjoni tar-rekwiżit kapitali tas-submoduli fil-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku

1.14. Mingħajr preġudizzju għal-Linja Gwida 1, fejn il-kalkolu ta' modulu jew submodulu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku huwa bbażat fuq l-impatt ta' xenarju, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jippermettu lill-impriżi jiddeterminaw ir-rekwiżit kapitali tagħhom fuq il-bażi tar-rekwiżit kapitali rispettiv derivat għall-kalkolu tal-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku nett bil-mod li ġej:

[4] Eżempju għall-kunċett tat-taxxi differiti nozzjonali jista' jinstab f'Appendiċi għat-Test ta' Spjegazzjoni.

(a) ikkalkula l-valur tal-beneficċji diskrezzjonarji futuri b'kunsiderazzjoni tal-impatt tax-xenarju;

(b) ikkalkula d-differenza bejn il-valur tal-beneficċji diskrezzjonarji futuri fil-karta tal-bilanċ attwali tas-Solvibbiltà II u l-valur imsemmi f'a);

(c) żid id-differenza f'b) mar-rekwiżit kapitali għall-modulu jew submodulu derivati għall-kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku nett.

**Linja Gwida 3 – Impatt tal-istress fuq beneficċji diskrezzjonarji futuri fil-kalkolu nett**

1.15. Meta jiddeterminaw l-impatt ta' xenarju fuq beneficċji diskrezzjonarji futuri inklużi fil-provvedimenti tekniċi msemmija fl-Artikolu 206(2)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jikkunsidraw:

(a) l-impatt tax-xenarju fuq il-profitti futuri; u

(b) l-azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' beneficċji diskrezzjonarji futuri b'rispons għax-xenarju.

1.16. Meta jikkalkulaw ir-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza Bażiku nett, l-impriżi għandhom jippermettu kwalunkwe stress għal-livell tar-rata tal-imgħax, inklużi kwalunkwe tibdiliet fl-istruttura tat-terminu rilevanti tal-imgħax mingħajr riskju użata għall-iskontar ta' flussi ta' flus kontanti relatati ma' beneficċji diskrezzjonarji futuri.

**Linja Gwida 4 - Rati ta' bonus futuri**

1.17. Meta s-suppożizzjonijiet dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futuri wara xenarju msemmi fl-Artikolu 206(2)(b) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jinkludu l-varjazzjoni ta' rati ta' bonus futuri, l-impriżi għandhom jippermettu fil-firxa tal-varjazzjoni għan-natura u l-iskala tal-istress sottostanti.

**Linja Gwida 5 - Azzjonijiet ta' ġestjoni**

1.18. L-impriżi għandhom jagħmlu suppożizzjonijiet dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futuri fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' beneficċji diskrezzjonarji futuri li huma konsistenti mal-prattika tan-negozju attwali tagħhom.

1.19. Fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi, l-impriżi għandhom jagħmlu suppożizzjonijiet dwar azzjonijiet ta' ġestjoni futuri f'livell ta' granularità li jirrifletti r-restrizzjonijiet materjali u rilevanti legali, regolatorji jew kuntrattwali kollha dwar id-distribuzzjoni ta' beneficċji diskrezzjonarji futuri.

## Taqsima II: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti - kalkolu

### Linja Gwida 6 - Granularità ta' kalkolu

1.20. L-impriżi għandhom iwettqu l-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti f'livell ta' granularità li jirrifletti r-regolamenti materjali u rilevanti kollha fir-reġimi kollha ta' taxxa applikabbli.

### Linja Gwida 7 - Prinċipji u approċċi ta' valutazzjoni

1.21. L-impriżi għandhom jikkalkolaw l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti billi jenfasizzaw il-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II u jiddeterminaw il-konsegwenzi fuq iċ-ċifri tat-taxxa tal-impriża. L-aġġustament għandu mbagħad jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' differenzi temporanji bejn il-valuri tas-Solvibbiltà II enfasizzati u ċ-ċifri korrispondenti għall-finijiet tat-taxxa.

1.22. Skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15 (1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom iqisu l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha li huma rikonoxxuti għall-finijiet tas-solvibbiltà jew tat-taxxa fil-kalkolu tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

1.23. Minkejja l-paragrafu 1.22, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jippermettu lill-impriżi, meta jiddeterminaw il-konsegwenzi fiskali tat-telf imsemmi fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, sabiex jużaw approċċ ibbażat fuq ir-rati medji tat-taxxa, sakemm dawn ikunu kapaċi juru li dawk ir-rati medji tat-taxxa huma ddeterminati fuq livell xieraq, u li tali approċċ jevita dikjarazzjoni skorretta materjali tal-aġġustament.

### Linja Gwida 8 - Attribuzzjoni ta' telf

1.24. Meta l-impriżi jużaw approċċ ibbażat fuq rati medji tat-taxxa, huma għandhom jallokaw it-telf imsemmi fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-kawżi tiegħu skont l-Artikolu 207(5) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jekk il-kalkolu tal-aġġustament tat-taxxa differita fuq livell aggregat ma jirriflettix ir-regolamenti materjali u rilevanti kollha tar-reġimi applikabbli tat-taxxa.

1.25. Meta l-allokazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.24 ma tirriflettix ir-regolamenti materjali u rilevanti kollha tar-reġimi applikabbli tat-taxxa, l-impriżi għandhom jallokaw it-telf għal entrati fil-karta tal-bilanċ b'livell suffiċjenti ta' granularità sabiex jissodisfaw dan ir-rekwiżit.

### Linja Gwida 9 - Arranġamenti għat-trasferiment tal-profitti jew tat-telf

1.26. Meta impriża tkun daħlet fi ftehimiet kuntrattwali dwar it-trasferiment ta' profitt jew telf lil impriża oħra jew hija marbuta minn arranġamenti oħrajn skont il-leġiżlazzjoni fiskali eżistenti fl-Istat Membru (gruppi tat-taxxa) jew arranġament li bih iseħħ dak it-trasferiment jew huwa kkunsidrat li jseħħ permezz ta' kumpens ta' tali telf kontra profitti ta' impriża oħra skont ir-regoli ta' konsolidazzjoni tat-taxxa applikabbli fl-Istat Membru (unità fiskali), l-impriża

għandha tikkunsidra dawn il-ftehimiet jew arranġamenti fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità tal-assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

1.27. Fejn huwa miftiehem kuntrattwalment u probabbli li telf jiġi trasferit lil impriża oħra jew fejn iseħħ tali trasferiment tat-telf jew huwa kkunsidrat li jseħħ permezz ta' kumpens ta' tali telf kontra profitti ta' impriża oħra ("impriża riċeventi") wara li l-impriża ("impriża trasferenti") ġġarrab it-telf istantanju msemmi fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża trasferenti għandha tirrikonoxxi biss l-aġġustament tat-taxxa differit relatat sal-punt li l-ħlas jew benefiċċju ieħor jiġi rċevut bi skambju għat-trasferiment tat-telf mit-taxxa nozzjonali.

1.28. L-impriża trasferenti għandha tirrikonoxxi biss il-ħlas jew benefiċċju riċevibbli sal-punt li aġġustament tat-taxxa differita jista' jiġi rikonoxxut skont il-Linja Gwida 10 jekk it-telf ma jkunx ġie trasferit.

1.29. L-impriża trasferenti għandha tirrikonoxxi biss ħlas jew benefiċċji riċevibbli jekk l-arranġament jew il-ftehim kuntrattwali jkun legalment effettiv u infurzabbli mill-impriża trasferenti fir-rigward tat-trasferiment ta' dawk l-entrati.

1.30. Jekk il-valur tal-ħlas jew benefiċċju riċevibbli huwa kundizzjonali fuq is-solvenza jew il-pożizzjoni fiskali tal-impriża riċeventi jew dik tal-konsolidazzjoni fiskali eżistenti (unità fiskali) kollha kemm hi, l-impriża trasferenti għandha tibbaża l-valutazzjoni tal-pagament jew tal-benefiċċji riċevibbli fuq stima affidabbli tal-valur li huwa mistenni li jiġi rċevut bi skambju għat-telf trasferit.

1.31. L-impriża trasferenti għandha tivverifika li l-impriża riċeventi tkun kapaċi tonora l-obbligi tagħha f'ċirkostanzi taħt stress, jiġifieri wara li ġġarrab l-istress tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza jekk l-impriża riċeventi tkun soġġetta għal Solvibbiltà II.

1.32. L-impriża trasferenti għandha tirrifletti kwalunkwe taxxa pagabbli fuq il-ħlas jew benefiċċju riċevut fl-ammont rikonoxxut ta' taxxi differiti nozzjonali.

1.33. Meta l-impriża riċeventi waħedha tkun soġġetta għal Solvibbiltà II m'għandhiex tirrikonoxxi t-telf trasferit fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti.

## Taqsima III: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti – rikonoxximent

### Linja Gwida 10 - Natura temporanja

1.34. L-impriżi għandhom jirrikonoxxu assi tat-taxxa differita nozzjonali kondizzjonali fuq in-natura temporanja tagħhom. Ir-rikonoxximent għandu jkun ibbażat fuq l-estent safejn huwa permess kumpens skont ir-reġimi tat-taxxa rilevanti. Dan jista' jinkludi kumpens kontra obbligazzjonijiet tat-taxxa fil-passat jew attwali jew obbligazzjonijiet tat-taxxa probabbli fil-futur.

**Linja Gwida 11 - Evitar ta' għadd doppju**

1.35. L-impriżi għandhom jiżguraw li l-assi tat-taxxa differita li joriġinaw mit-telf istantanju definit fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni mhumiex appoġġjati mill-istess obbligazzjonijiet tat-taxxa differita jew profitti futuri taxxabbli li diġà jappoġġjaw ir-rikonoxximent ta' assi tat-taxxa differita għall-finijiet ta' valutazzjoni fil-karta tal-bilanċ tas-Solvibbiltà II skont l-Artikolu 75 tas-Solvibbiltà II.

1.36. L-impriżi għandhom isegwu fir-rikonoxximent tagħhom tal-assi tat-taxxa differita nozzjonali f'karta tal-bilanċ tas-Solvenza II taħt stress il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 15 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

**Linja Gwida 12 - Rikonoxximent ibbażat fuq profitti futuri**

1.37. Jekk ir-rikonoxximent ta' assi tat-taxxa differita nozzjonali huwa appoġġjat minn valutazzjoni ta' profitt taxxabbli futur, l-impriżi għandhom jirrikonoxxu assi tat-taxxa differita nozzjonali sal-punt li jkun probabbli li dawn se jkollhom biżżejjed profitt taxxabbli futur disponibbli wara li jġarrbu t-telf istantanju.

1.38. L-impriżi għandhom jużaw tekniki xierqa għall-valutazzjoni tan-natura temporanja tal-assi tat-taxxa differita nozzjonali u ż-żmien tal-profitti futuri taxxabbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-valutazzjoni hija konformi mal-Artikolu 15(3) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;

(b) Il-valutazzjoni tikkunsidra l-prospetti tal-impriża wara li ġġarrab it-telf istantanju.

**Linja Gwida 13 - Għajnuna fejn id-dimostrazzjoni tal-eliġibbiltà tkun ta' piż**

1.39. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jippermettu lill-impriżi jinjoraw l-assi tat-taxxa differita nozzjonali fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf meta dan ikun ta' piż wisq għall-impriża biex turi l-eliġibbiltà tagħha.

**Linja Gwida 14 – Obbligazzjonijiet tat-taxxa differita nozzjonali**

1.40. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 207(4) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jinkludu obbligazzjonijiet tat-taxxa differita nozzjonali li jirriżultaw mit-telf istantanju definit fl-Artikolu 207(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti.

## Taqsima IV: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti f'livell ta' grupp – Provvedimenti ġenerali

### Linja Gwida 15 - Kamp ta' applikazzjoni

1.41. L-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tapplika biss l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti, meta jintuża l-metodu 1 jew kombinazzjoni tal-metodi, għall-parti tad-data kkonsolidata stabbilita skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

## Taqsima V: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi fil-livell tal-grupp

### Linja Gwida 16 - Xenarji

1.42. Fejn il-formula standard teħtieġ l-għażla bejn xenarji alternattivi, l-għażla għandha ssir fil-livell tal-grupp. Sabiex tinkiseb il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi fis-submoduli tal-kalkolu tal-grupp, ix-xenarju rilevanti għall-grupp għandu jiġi kkalkulat għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li hija kkonsolidata skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-formula fil-Linja Gwida 17

### Linja Gwida 17 - Kalkolu tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza bażiku nett

1.43. Meta jiddeterminaw il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf ta' grupp tal-provvedimenti tekniċi fil-livell tas-submodulu, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tikseb il-kalkolu nett tal-grupp tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza fuq livell submodulari bbażat fuq il-formula li ġejja, b'kunsiderazzjoni tal-assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huwa kkonsolidata skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, ikkalkulat mill-ġdid fuq il-bażi tax-xenarju rilevanti fejn ikun rilevanti:

$$netSCR^{group}_{sub-\mathrm{module}} = grossSCR^{group}_{sub-\mathrm{module}} +$$

$$-\sum_{solo} \alpha^{solo}\left(grossSCR^{solo}_{sub-\mathrm{module}} - netSCR^{solo}_{sub-\mathrm{module}}\right) \bullet \min\left(1; \frac{FDB^{solo}}{grossSCR^{solo} - netSCR^{solo}}\right)$$

Fejn:

- $\alpha^{solo}$ tirrappreżenta l-perċentwal użat għall-istabbiliment tal-kontijiet konsolidati;

- $FDB^{solo}$ tirrappreżenta l-ammont totali ta' FDB fuq livell individwali aġġustat għal tranżazzjonijiet intragrupp, jekk ikun meħtieġ, skont l-Artikolu 339(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;

- $netSCR^{solo}_{sub-module}$ u $grossSCR^{solo}_{sub-module}$ għandhom jiġu ddeterminati skont il-Linja Gwida 16;

- $grossSCR^{solo}$ u $netSCR^{solo}$ tirrappreżenta l-aggregat $netSCR^{solo}_{sub-module}$ u $grossSCR^{solo}_{sub-module}$ għal kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, permezz tal-matriċi ta' korrelazzjoni rilevanti tal-formula standard jew permezz tal-mudell intern approvat.

1.44. Il-valur tal-nBSCR fl-Artikolu 206(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandu jiġi derivat permezz tal-matriċi ta' aggregazzjoni tal-formula standard jew inkella permezz tal-mudell intern approvat. Il-valur tal-benefiċċji diskrezzjonarji futuri fl-Artikolu 206(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandu jikkorrispondi għall-parti tal-benefiċċji diskrezzjonarji futuri relatata mal-parti tad-data kkonsolidata determinata skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

**Linja Gwida 18 – Tranżazzjonijiet intragrupp**

1.45. Meta tiġi ppreparata d-data kkonsolidata, jekk il-parti tal-aħjar stima għall-provvedimenti tekniċi relatati mal-benefiċċji diskrezzjonarji futuri tal-impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tiġi aġġustata għal tranżazzjonijiet intragrupp, b'mod konformi mal-Artikolu 339(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-ammont totali tal-benefiċċji diskrezzjonarji futuri f'livell ta' grupp għandu jiġi aġġustat kif xieraq.

**Linja Gwida 19 - Limitu ta' fuq**

1.46. L-aġġustament għall-assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi fil-livell ta' grupp ma għandux jaqbeż it-total tal-aġġustamenti għall-assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonsolidati skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

**Linja Gwida 20 - Kalkolu Alternattiv**

1.47. Inkella għall-kalkolu propost fil-Linja Gwida 17, meta jkun hemm livell raġonevoli ta' omoġeneità fost il-benefiċċji diskrezzjonarji futuri tal-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma kkonsolidati skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni fi ħdan il-grupp, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tikkalkula l-Kapaċità ta' Assorbiment tat-Telf tal-provvedimenti tekniċi fil-livell tal-grupp skont il-Linja Gwida 21.

1.48. L-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni għandha tkun kapaċi tagħti prova lis-

superviżur tal-grupp li, skont in-negozju tal-grupp u l-profil tar-riskju, huwa żgurat livell raġonevoli ta' omoġeneità fost benefiċċji diskrezzjonarji futuri fi ħdan il-grupp.

### Linja Gwida 21 - Kalkolu Alternattiv

1.49. Skont il-Linja Gwida 20, l-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tikkalkula l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi permezz tal-formula li ġejja:

Fejn: $Adj_{TP}^{grupp} = \frac{SCR^{diversifikat^*}}{\sum_{waħdu} \propto^{solo} SCR^{solo^*}} \times \sum_{waħdu} \propto^{solo} Adj_{TP}^{solo}$

- $Adj_{TP}^{solo}$ hija l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonsolidati skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;

- $\propto^{solo}$ tirrappreżenta l-perċentwali użat għall-istabbiliment tal-kontijiet konsolidati;

- il-proporzjon $\frac{SCR^{diversifikat^*}}{\sum_{waħdu} \propto^{waħdu} SCR^{waħdu^*}}$ jirrappreżenta l-aġġustament proporzjonali dovut għall-effetti ta' diversifikazzjoni fil-livell tal-grupp u, b'mod partikolari, fin-numeratur $SCR^{diversifikat^*}$[5] huwa r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza kkalkulat fuq il-bażi tad-data konsolidata skont l-Artikolu 336(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni iżda qabel l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti; u d-denominatur $SCR^{waħdu^*}$ huwa r-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza qabel l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonsolidati skont l-Artikolu 335(1)(a),(b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.

## Taqsima VI: Aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti fil-livell tal-grupp

### Linja Gwida 22 - Kalkolu

1.50. L-impriża parteċipi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta għandha tikkalkula l-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti skont il-formula li ġejja:

Fejn: $Adj_{DT}^{grupp} = \frac{SCR^{diversifikat^{**}}}{\sum_{solo} \propto^{solo} SCR^{solo^{**}}} \times \sum_{solo} \propto^{solo} Adj_{DT}^{solo}$

[5] $SCR^{diversifikat^*}$ hija ugwali għas-somma li ġejja, fil-każ tal-applikazzjoni tal-formula standard: $SCR^{diversifikat^*} = BSCR^{diversifikat} + SCR_{operazzjonali}^{diversifikat}$

- $\propto^{solo}$ tirrappreżenta l-perċentwali użat għall-istabbiliment tal-kontijiet konsolidati;
- $Adj_{DT}^{solo}$ huwa l-aġġustament waħdu għall-effett tal-assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti ta' kull impriża tal/r-(ri)assigurazzjoni ikkonsolidat skont l-Artikolu 335(1)(a),(b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
- $SCR^{solo^{**}}$ huwa r-rekwiżit kapitali tas-solvenza wara l-aġġustament LAC għall-provvedimenti tekniċi u qabel l-aġġustament LAC għat-taxxi differiti ta' kull impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni kkonsolidata skont l-Artikolu 335(1)(a), (b) u (c) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni; u
- $SCR^{diversifikat^{**}}$[6] huwa r-rekwiżit kapitali tas-solvenza kkalkulat fuq il-bażi tad-data kkonsolidata skont l-Artikolu 336(a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni wara l-aġġustament LAC għall-provvedimenti tekniċi u qabel l-aġġustament LAC għal taxxi differiti.

[6] $SCR^{diversified^{**}}$ hija ugwali għas-somma li ġejja, fil-każ tal-applikazzjoni tal-formula standard: $SCR^{diversifikat^{**}} = BSCR^{diversifikat} + SCR_{operazzjonali}^{diversifikat} + Adj_{TP}^{grupp}$

## Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.51. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.

1.52. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.53. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.54. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrappurtati bħala tali.

## Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet

1.55. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.